MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 322/2003

**Raymond Ellul**

**vs**

**Marie Louise Orsini**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Marzu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Awissu 1978 kif jirriizulta mill-anness certifikat (Dok "A").

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ikkontemplat fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl- **artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-17 t'Awissu 1978.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors datat 10 ta' Gunju 2003 u d-digriet ta' l-istess gurnata.

Rat il-verbal tas-seduti tad-19 ta' Gunju 2003 fejn *inter alia* l-konvenuta u tat ruhha notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, u nghata digriet affidavits tal-partijiet.

Rat in-nota ta' l-attur datata 8 ta' Lulju 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u tal-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2003 fejn il-konvenuta nghatat il-fakolta' li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha 20 gurnata ghal nota responsiva.

Rat li minkejja li giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici, kif inghad, il-konvenuta baqghet ma pprezenta l-

ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat ix-xhieda kollha esebita.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur talab li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (d) u (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jghid li hemm nullita' taz-zwieg:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe"** (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of*

*mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* p. 687).

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikoli 19 (1) (d)** li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' repetizzjoni tirreferi ghas-sentenzi **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Cit. Nru: 134/00/RCP); **"Martin Farrugia vs Antoinette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Catherine Micallef vs Joseph Muscat"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002); u **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003.

Illi l-**artikolu 19 sub-inciz 1 (f) tal-Kap. 255** jghid testwalment illi zwieg ikun null:-

*“Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista’ jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **“El nuevo derecho matrimonial canonico”** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

*“Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.”*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*“Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole*

*nell'interno della volonta'.”* (***J.F. Castano'*** **- Il Sacramento del Matrimonio**).

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** jinghad li l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista’ jkun illi mic-cirkostanzi kollha tal-hajja matrimonjali li jsegwu, ikun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*“L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi”.* ***(O. Giacchi*** **– “*Il consenso matrimoniale canonico”)*.**

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu meta l-konvenuta kellha biss sittax-il (16) sena u dan jidher li gara ghaliex l-istess konvenuta nqabdet tqila mir-relazzjoni taghha ma' l-attur. Fil-fatt jidher li l-konvenuta kellha problema akbar *stante* hija tghid li missierha kien taha xebgha kbira. Jidher li zzewget lill-attur minhabba t-tqala u ghaliex din kienet l-unika tama taghha wara li anke spiccat barra mid-dar ta' missierha. F'Awissu hija fil-fatt izzewget u t-tarbija twieldet fid-9 ta' Jannar 1979. Peress li jidher li l-istess tarbija ma setghetx tigi mghammda, il-partijiet aktar 'il quddiem anke zzewgu bir-rit religjuz minkejja li ma ghamlu ebda preparamenti ta' xejn. Dan stqarruh il-kontendenti stess fix-xhieda taghhom.

Illi l-istess partijiet jaghmlu car fix-xhieda guramentata taghhom li kieku ma kienx ghall-istess tqala certament li ma kienux jizzewgu lil xulxin. Fil-fatt ilhom sitt (6) snin separati *de facto,* erbgha snin minnhom legalment.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan iz-zwieg ghandu jigi annullat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghaliex a bazi tal-provi prodotti jidher bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess partijet dahlu ghal dan iz-zwieg biss u ghar-raguni li l-attrici nqabdet tqila qabel iz-zwieg, u sforz is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha dakinhar, bla ebda hsieb ta' xejn, u anke wara li l-konvenuta sfat fl-inkwiet ma' missierha minhabba l-istess tqala. Ghalhekk jidher li ghamlu dan il-pass proprju f'mument meta lanqas kellhom id-diskrezzjoni necessarja ghal dan il-pass. Dan kollu huwa rifless mill-mod li bih huma resqu ghaz-zwieg bla ebda preparamenti ta' xejn min-naha taghhom, la ghall-avveniment innifsu u wisq izjed ghall-hajja konjugali.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti thoss li z-zwieg bejn il-kontendenti datat 17 ta' Awissu 1978 ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-inciz (d) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-17 ta' Awissu 1978, u dan senjatament a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------